MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 204/2007

Il-Pulizija
(Spt. R. Aquilina)
vs.

Raymond Bugeja

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, mill-21 ta' Dicembru, 2006, sal-1 ta' Frar, 2007, b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqas milli jaghti l-manteniment dovut minnu lil martu Doris Bugeja ghaliha w jew ghal wild minuri, hekk kif gie ordnat minn digriet.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Mejju, 2007 li biha, wara li rat l-Artikoli 339(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet hekk kif

dedotti kontrieh izda illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar (1) ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.
Barra minn hekk ordnat lill-istess appellant ihallas is-somma ta' mija w tmenin lira Maltin (LM180) lil Doris Bugeja, fi zmien xahar ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta' Mejju, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull piena w imputazzjoni. Bl-ispejjez u bir-rizerva li jitressqu x-xhieda kollha opportuni fi stadju ta' appell.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali mqajjma fis-seduta precedenti, li tirrigwarda n-nullita' tal-appell ghax ma ntalbitx is-sospensjoni tas-sentenza w ma nghatatx garanzija.

Semghet it-trattazzjoni dwar din l-eccezzjoni w dwar il-mertu.

Rat li l-gurisprudenza f'dan ir-rigward illi rriteniet li f'kazijiet fejn ikun hemm liberazzjoni kondizzjonata jew inkella sentenza sospiza ma jkunx hemm il-htiega li tintalab is-sospensjoni tas-sentenza w li jekk allura din ma tintalabx dan ma jkunx jammonta ghall-akkwiexxenza li tirrendi l-appell null. Konsegwentement tichad l-eccezzjoni preliminari tal-inappellabilita' mqajjma mill-Avukat Generali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma, fil-qosor, is-segwenti w cioe' :-

1. illi fl-ewwel lok, is-sentenza hija nulla peress li ma ssemmi ebda fatti li wasslu ghall-kawza odjerna;

2. illi fit-tieni lok, l-akkuza fiha nnifisha hija neboluza peress li ma tispecifikax la d-data w lanqas in-numru jew il-Qorti li tat dan id-digriet;
3. illi l-appellant ma jistax jigi tenut joqghod ghall-ordnijiet ta' dak id-digriet li jidher li nghata in camera, qabel ma jigi notifikat debitament skond il-ligi, bl-ordni moghtija mill-Qorti kompetenti.

Semghet ix-xhieda fil-mertu.

Illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti ddikjarat li kienet qed issib lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu wara li ppremettiet l-akkuza x' kienet w, trattandosi ta' decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati dan kien perfettament in regola mad-dispozttiv tal-artikolu 382 tal-Kap.9 u ghalhekk l-aggravju li s-sentenza hija nulla huwa infondat u qed jigi respint.

It-tieni aggravju huwa ukoll infondat ghax ic-citazzjoni mhux hlief "avviso a comparire" u minnha kien jidher car li kien ser jidher quddiem il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuza li hu naqas li jhallas alimenti lil martu Doris Bugeja ghalija u jew ghall-uliedha minuri, kif ordnat b' Digriet ghall-periodu bejn il-21 ta' Dicembru, 2006 sal-1 ta' Frar, 2007 u ghalhekk ma kien hemm xejn nebuluz f' dan u l-appellant kien jaf sew ghal x' xhiex ser ikollu jwiegeb.

Peress li rrizulta b'mod inkonfuttabbli illi d-digriet tal-Qorti tal-Familja esebit kien jordna lill-appellant li jhallas retta alimentarja lill-martu ta' tletin lira (LM30) fil-gimgha w l-appellant, li kien jaf b' dad-digriet, naqas li jaghmel dan, u l-unika raguni li l-appellant issa qed jadduci ghaliex ma hallasx il-manteniment dovut hija dik tal-impossibilita' fizika li jhallas ghaliex tilef il-*"job"*, u peress li mix-xhieda tal-appellant din il-Qorti mhix konvinta li kienet tissussisti din l-impossibilita' fizika li huwa jhallas ghal diversi ragunijiet u peress wkoll li l-ordinijiet tal-Qrati, sakemm ikunu ghadhom vigenti, jridu jibqghu dejjem jigu rispettati, obduti w osservati u dan ma sarx mill-appellant ghal raguni li mhix valida fil-Ligi, l-appel ma jistax jigi milqugh.

Dan ghaliex, kif gie ritenut minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta , (Appell Krim. **Pul. vs. Anthony Saliba;** [15.7.1998] ) il-fatt li persuna tisfa’ bla xoghol ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili , obbligu sancit bir-reat ta’ natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant . Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din , wara li tiehu konjizzjoni tal-provi , tipprovdi billi, se mai, timmodifika l-ordni dwar il-manteniment . U biss wara li jottjeni tali modifika , li jkun jista’ jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir , jibqa’ marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet .

Fi kliem iehor sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond’ Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim’Awla jew tal-Qorti tal-Appell , li jordna l-hlas ta’ manteniment , din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonfermha htija , fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma tali digriet jew sentenza , tkun xi tkun ir-raguni , jew pretest biex jaghmel dan . Altrimenti,din il-Qorti , minn flok Qorti ta’ Appell Kriminali , tispicca tirriduci ruha f’wahda ta’ revizjoni dwar l-effikacja w r-ragonevolezza ta’ Digrieti jew sentenzi tal-Prim’ Awla u tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tas-Sekond’ Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha .

Fil-kamp kriminali biex tirrizulta l-htija ta’ natura kontravenzjonali taht l-imputazzjoni bhal dik dedotta kontra l-appellant bizzejjed li jigi pruvat il-fatt tal-ordni tal-Qorti kompetenti li tordna l-hlas tal-manteniment - u normalment dan isir bl-esebizzjoni ta‘kopja legali tad-Digriet relattiv - u li l-akkuzat ikun naqas li jhallas l-ammont li jkun ordnat li jhallas mill-Qorti kompetenti fil-periodu imsemmi fil-komparixxi u - trattandosi ta‘ reat kontravvenzjonali - li dan ikun sar volontarjament . Mill-bqija konsiderazzjonijiet ohra jistghu biss u f ‘ certi kazijiet jittiehdu in konsiderazzjoini ghall-fini tal-applikazzjoni tal-piena , fejn il-Qorti ghandha diskrezzjoni li tapplika piena karcerarja ta’ detenzjoni jew ammenda , jew addirittura, dik tal-ammonizzjoni u reprensjoni. (ara ukoll App. Krim : **“Il-Pulizija vs. Alfred Camilleri**” [18.9.2002]; **"Il-Pulizija**

**vs. Mario Borg"** [16.12.2003] "**Il-Pulizija vs. Joseph Mallia"** [6.1.2004] u ohrajn).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------